

31976L0762

L 262/122

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

27.9.1976

## ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Lulju 1976

**dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-fanali taċ-ċpar ta' quddiem għal vetturi bil-mutur u bozoz tal-filament għal dawn il-fanali**

(76/762/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>;

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(2)</sup>,

Billi l-ħtiġiet tekniċi li l-vetturi bil-mutur għandhom jissodisfaw skond il-liġijiet nazzjonali huma relatati inter alia mal-fanali taċ-ċpar ta' quddiem tagħhom;

Billi, dawn il-kondizzjonijiet ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor; billi huwa għaldaqstant neċessarju li l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess kondizzjonijiet, flimkien ma' jew min-flok ir-regoli eżistenti tagħhom, sabiex jippermettu li, b'mod partikolari, il-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE li kienet suġġetta għad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom <sup>(3)</sup>, tiġi ntrodotta fir-rispett ta' kull tip ta' vettura;

Billi fid-Direttiva 76/756/KEE <sup>(4)</sup>, il-Kunsill speċifika l-ħtiġiet komuni għall-installazzjoni ta' mezzi ta'dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl fuq vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom;

Billi proċedura armonizzata għall-approvazzjoni tat-tip għall-fanali taċ-ċpar ta' quddiem tagħmilha possibbli għal kull Stat Membru, li jivverifika l-konformità mal-ħtiġiet komuni tal-kostruzzjoni u ta' l-ittestjar, u li jinforma lill-Istati Membri l-oħra bis-sejbiet tiegħu billi jibgħat kopja taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent komplet għal kull tip ta' fanal taċ-ċpar ta' quddiem; billi t-tqegħid ta' marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent fuq il-fanali taċ-ċpar ta' quddiem kollha ffabrikati b'konformità mat-tip approvat jneħħi kull bżonn ta' kontrolli tekniċi ta' dawn il-fanali taċ-ċpar ta' quddiem fl-Istati Membri l-oħra:

Billi huwa mixtieq li jiġu ikkunsidrati l-ħtiġiet tekniċi adottati mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Regolament tagħha Nru 19 ("Dispożizzjonijiet komuni li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' fanali taċ-ċpar ta' vetturi bil-mutur") <sup>(5)</sup>, li huwa anness mal-Ftehim tal-20 ta' Marzu 1958 li jikkonċerna l-adozzjoni ta' kondizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni u r-rikonossiment reċiproku ta' l-approvazzjoni ta' tagħmir u ta' partijiet ta' vetturi bil-mutur;

Billi, l-approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali relatati mal-vetturi bil-mutur tirrikjedi r-rikonossiment reċiproku min-naħa ta' l-Istati Membri tal-kontrolli li jsiru minn kull wieħed minnhom skond il-ħtiġiet komuni,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

## Artikolu 1

1. Kull Stat Membru għandu jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għal kull tip ta' fanal taċ-ċpar ta' quddiem li jissodisfa l-ħtiġiet tal-kostruzzjoni u ta' l-ittestjar preskritti fl-Annessi 0, II, III, IV u V.

2. L-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa jivverifika li l-mudelli ta' produzzjoni jkun konformi mat-tip approvat, safejn dan ikun neċessarju u jekk ikun hemm bżonn f'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra. Verifika bħal din għandha tkun limitata għal eżamijiet saltwarji.

<sup>(1)</sup> ĠU C 55, tat-13.5.1974, p. 14.

<sup>(2)</sup> ĠU C 109, tad-19.9.1974, p.24.

<sup>(3)</sup> ĠU L 42, tat-23.2.1970, p.1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 262, tat-27.9.1976, p.1.

<sup>(5)</sup> Il-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa, Dokument

E/ECE1324

E/ECE/TRANS/505

} rev. 1, Addendum 18, rev. 1 ta' 22

} August 1974.

### Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom, għal kull tip ta' fanal taċ-ċpar ta' quddiem li huma japprovaw skond l-Artikolu 1, joħorġu għall-manifattur jew għar-rappreżentant awtorizzat tiegħu, marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent li tkun konformi mal-mudell muri fl-Anness II.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprevjenu l-użu ta' marki li jistgħu joħlqu konfużjoni bejn fanali taċ-ċpar ta' quddiem li jkunu ngħataw l-approvazzjoni tat-tip skond l-Artikolu 1, u mezzi oħrajn.

### Artikolu 3

1. L-ebda Stat Membru ma jista' jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' fanali taċ-ċpar ta' quddiem għal raġunijiet marbuta mal-konstruzzjoni tagħhom jew mal-metodu ta' kif jaħdmu, jekk dawn ikollhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent.

2. Madankollu, Stat Membru jista' jipprojbixxi it-tqegħid fis-suq ta' fanali taċ-ċpar ta' quddiem, li jkollhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent, jekk dawn konsistentement ma' jikkonformawx mat-tip approvat.

Dak l-Istat għandu jinforma minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda, u jispeċifika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.

### Artikolu 4

, L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom fi żmien xahar jibagħtu lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra kopja taċ-ċertifikati ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent, li eżempju tagħhom hu mogħti fl-Anness I, kompletat għal kull tip ta' lampa taċ-ċpar ta' quddiem li huma japprovaw jew jirrifjutaw li japprovaw.

### Artikolu 5

1. Jekk l-Istat Membru li jkun ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent jsib li numru ta' fanali taċ-ċpar ta' quddiem li għandhom l-istess marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent m'humix konformi mat-tip li hu jkun approva, dan l-Istat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jassigura li l-mudelli ta' produzzjoni jikkonformaw mat-tip approvat. L-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat għandhom javżaw lil daww ta' l-Istati Membri l-oħra bil-miżuri meħuda, li jistgħu fejn ikun hemm nuqqas konsistenti ta' konformità, jestendu sa k-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent. L-awtoritajiet imsemmija għandhom jieħdu l-istess miżuri jekk ikunu nformati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor b'dan in-nuqqas ta' konformità.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, għandhom jinformaw wieħed lill-ieħor fi żmien xahar b'kull irtirar ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u bir-raġunijiet ta' miżura bħal din.

### Artikolu 6

Kull deċiżjoni, meħuda skond id-dispożizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, li tirrifjuta jew tirtira approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għal fanali taċ-ċpar ta' quddiem jew li tipprojbixxi it-tqegħid tagħhom fis-suq jew l-użu tagħhom, għandha tispeċifika fid-dettall ir-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata. Deċiżjonijiet bħal dawn, għandhom jiġu nnotifikati lill-parti konċernata, li għandha fl-istess ħin tiġi mgħarrfa bir-rimedji disponibbli għalih skond il-liġijiet fis-seħħ fl-Istati Membri u fuq il-limiti ta' żmien permessi għall-eżerċizzju ta' dawn ir-rimedji.

### Artikolu 7

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal kwalunkwe vettura għal raġunijiet relatati mal-fanali taċ-ċpar ta' quddiem tagħha jekk dawn ikollhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u jkunu mmuntati skond il-ħtiġiet stipulati fid-Direttiva 76/756/KEE.

### Artikolu 8

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta jew jipprojbixxi l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' kwalunkwe vettura għal raġunijiet relatati mal-fanali taċ-ċpar ta' quddiem tagħha jekk dawn ikollhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u jkunu mmuntati skond il-ħtiġiet stipulati fid-Direttiva 76/756/KEE.

### Artikolu 9

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, "vettura" tfisser kull vettura bil-mutur li hi maħsuba għall-użu fit-triq, bil-karozzerija jew mingħajra, li għandha ta' l-anqas erba' roti u b'veloċità massima ddisinjata li taqbeż il-25km fis-siegħa, bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jimxu fuq il-linji, tratturi u makkinarju għall-agrikoltura u vetturi tax-xogħolijiet pubbliċi.

### Artikolu 10

Kull emenda meħtieġa biex jiġu aġġustati l-ħtiġiet ta' l-Annessi sabiex jiġi kkunsidrat il-progress tekniku, għandha tiġi adottata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

*Artikolu 11*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Lulju 1977 u għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni minnufih. Huma għandhom jibdew japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru 1977.

2. Ladarba din id-Direttiva tiġi notifikata, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-Kummissjoni tkun infurmata bi kwalunkwe abbozz ta' liġi, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li huma jipproponu li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva, fi żmien suffiċjenti biex din tkun tista' tippreżenta l-kummenti tagħha.

*Artikolu 12*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula Brussel, fis-27 ta' Lulju 1976.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. Van Der STOEL

**Lista ta' l-Annessi**

L-Anness 0 (*)	— Definizzjonijiet, speċifikazzjonijiet ġenerali, illuminazzjoni, konformità tal-produzzjoni
L-Anness I	— mudell taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent
L-Anness II	— ħtiġiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u għall-immarkar — Appendiċi: Eżempju ta' marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent
L-Anness III	— Bozoz tal-filament għall-fanali taċ-ċpar ta' quddiem
L-Anness IV (*)	— Bozoz tal-filament <i>standard</i> (referenza) għall-fanali taċ-ċpar ta' quddiem
L-Anness V (*)	— Skrin tal-kejl

(\*) Il-ħtiġiet tekniċi ta' l-annessi huma simili għal dawk tar-Regolament Nru 19, rev.1, tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa. B'mod partikolari, it-tqassim f'sezzjonijiet huwa l-istess. Għal din ir-raġuni, meta sezzjoni fir-Regolament Nru 19, rev. 1 m'għandhiex kontroparti f'din id-Direttiva, in-numru tagħha qed jidher fil-parentesi.

**L-ANNESS 0****DEFINIZZJONIJET, SPEĊIFIKAZZJONIJET ĠENERALI, ILLUMINAZZJONI, KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI****1. DEFINIZZJONIJET****1.1. Fanal taċ-ċpar ta' quddiem**

"Fanal taċ-ċpar ta' quddiem" tfisser il-fanal użat biex it-triq tiddawwal aħjar fil-każ ta' ċpar, silġ, xita qliel jew sħab tat-trab.

**1.2. Tip ta' fanal taċ-ċpar ta' quddiem**

"Tip ta' fanal taċ-ċpar ta' quddiem" tfisser fanali taċ-ċpar ta' quddiem li għandhom aspetti essenzjali komuni bħal:

- 1.2.1. l-isem kummerċjali jew *it-trade mark*;
- 1.2.2. il-karatteristiċi tas-sistema ottika;
- 1.2.3. l-inklużjoni ta' komponenti li kapaċi jalternaw l-effetti ottiċi bir-riflessjoni, rifrazzjoni jew assorbiment; u
- 1.2.4. it-tip ta' bozza tal-filament.

(2.)

(3.)

(4.)

**5. SPEĊIFIKAZZJONIJET ĠENERALI**

5.1. Kull kampjun ippreżentat skond il-punt 1.2.3 ta' l-Anness II għandu jikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija fis-sezzjonijiet 6 u 7.

5.2. Il-fanali taċ-ċpar ta' quddiem għandhom ikunu hekk iddisinjati u mibnija li, meta użati f'kondizzjonijiet normali, minkejja xi vibrazzjonijiet li jistgħu ikunu suġġetti għalihom matul dan l-użu, it-tħaddim tagħhom jibqa' sodisfaċenti u huma jżommu l-karatteristiċi preskritti b'din id-Direttiva. Il-pożizzjoni korretta tal-lenti għandha tkun immarkata b'mod ċar, u l-lenti u r-riflettur għandhom jitwaħħlu b'mod li ma jħallihomx iduru waqt l-użu.

- 5.3. Il-konformità mal-ħtiġiet ta' din is-sezzjoni għandha tiġi verifikata bi spezzjoni viżwali, u fejn meħtieġ, b'immuntar bi prova.
6. ILLUMINAZZJONI
- 6.1. Il-fanali taċ-ċpar ta' quddiem għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li jipprovdu illuminazzjoni b'dija limitata.
- 6.2. L-illuminazzjoni prodotta minn fanal taċ-ċpar ta' quddiem għandha tiġi ddetminata permezz ta' skrin vertikali mwaqqaf 25m 'il quddiem mil-lenti u f'angolu rett mal-assi tal-fanal taċ-ċpar ta' quddiem. Il-punt HV huwa l-bażi tal-linja perpendikulari miċ-ċentru tal-lampa sa l-iskrin. Il-linja hh hija l-linja orizzontali li tgħaddi minn HV (ara l-Anness V).
- 6.3. Fil-każ ta' tip ta' kostruzzjoni li mhix dik tat-tip tar-raġġ issiġillat, għandha tintuża bozza tal-filament *standard* mingħajr kulur, tat-tip speċifikat mill-manifattur skond il-ħtiġiet ta' l-Anness IV, disinjata għal vultaġġ nominali ta' 12-il volt u fornuta mill-manifattur; għandha tiġi pprovduta b'kurrent elettriku b'vultaġġ li jipproduċi l-fluss preskritt għall-verifika li jikkorrispondu mat-tip tiegħu. Fil-każ ta' kostruzzjoni tat-tip ta' raġġ issiġillat, kurrent għandu jiġi pprovdut mal-vultaġġ tal-verifika (6.0V, 12.0 V jew 24.0 V kif ikun jixraq).
- 6.4. Ir-raġġ għandu jipproduċi fuq l-iskrin, fuq wisa' ta' mhux inqas minn 225cm fuq iż-żewġ naħat tal-linja vv, *cut-off* orizzontali li huwa definit biżżejjed biex jippermetti li, bl-ghajjnuna tiegħu jsir aġġustament.
- 6.5. Il-fanal taċ-ċpar ta' quddiem għandha tkun diretta b'tali mod li l-*cut-off* fuq l-iskrin ikun 50cm taħt il-linja hh.
- 6.6. Meta tkun aġġustata b'dan il-mod, il-fanal taċ-ċpar ta' quddiem għandha tissodisfa l-kondizzjonijiet imwarrqfa f'6.7 hawn taħt.
- 6.7. L-illuminazzjoni prodotta fuq l-iskrin (ara l-Anness V) għandha tissodisfa l-ħtiġiet li ġejjin:

Żona fuq l-iskrin ta' kejl	Limiti taż-żona	Illuminazzjoni meħtieġa (f'lux)
A	225 cm fuq iż-żewġ naħat tal-linja vv u 75cm 'l fuq minn hh, hh inkluż	$\geq 0.15$ u $\leq 1$
B	1 250cm fuq iż-żewġ naħat tal-linja vv u 150cm 'l fuq minn hh, hh inkluż (barra ż-Żona A)	$\leq 1$
Ċ	1 250 cm fuq iż-żewġ naħat tal-linja vv u tibda minn 150cm 'l fuq minn hh. L-intensità tad-dawl tal-fanal taċ-ċpar li jagħmel angolu 'l fuq f'kwadranti direzzjoni ta' aktar minn 15-il grad mal-pjan orizzontali għandha tkun limitata għal 200cd.	$\leq 0.5$
D	450cm fuq iż-żewġ naħat tal-linja vv bejn il-paralleli ma' hh f'pożizzjoni 75 u 150cm rispettivament taħt hh.	Fuq kull linja vertikali f'din iż-żona għandu jkun hemm ta' l-anqas punt wieħed (a,b,ċ) fejn l-illuminazzjoni hi $\geq 1.5$
E	Minn 450 sa 1 000cm fuq iż-żewġ naħat taż-żona D bejn il-paralleli ma' hh f'pożizzjoni 75 u 150cm rispettivament taħt hh.	Fuq kull linja vertikali f'din iż-żona, għandu jkun hemm ta' l-anqas punt wieħed fejn l-illuminazzjoni hi $\geq 0.5$

Nota: L-ispeċifikazzjonijiet ta' l-illuminazzjoni għandhom japplikaw ukoll għal-linji dritti madwar iż-żoni. F'każ ta' linji dritti li jmissu ma' żewġ żoni, għandha tiġi applikata l-iktar speċifikazzjoni stretta.

L-illuminazzjoni għandha tiġi mkejla jew b'dawl abjad jew b'dawl ikkolorit kif preskritt mill-manifattur għall-użu tal-fanal taċ-ċpar ta' quddiem fit-tħaddim normali. M'għandux ikun hemm avarija fl-illuminazzjoni li tista' tkun ta' detriment għall-viżibilità fiż-żona B u ż-żona Ċ.

6.8. L-illuminazzjoni ta' l-iskrin li hemm referenza għaliha f'6.7 għandha tiġi mkejla permezz ta' ċellula fotoelettrika, li l-parti foto-sensittiva tagħha għandha tkun ristretta fi kwadrat ta' 65mm kull naħa.

7. KULUR TA' DAWL MITFUGĦ

L-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent tista' tinkiseb għal tip ta' fanal taċ-ċpar li jifja' dawl jew abjad jew isfar (\*). It-tilwin tar-raġġ, jekk ikun hemm, jista' jinkiseb jew permezz tal-kisja tal-ħġieġ tal-bozza tal-filament jew permezz tal-lenti tal-fanal taċ-ċpar ta' quddiem jew bi kwalunkwe mod ieħor adattat.

(8.)

(9.)

10. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

Kull fanal taċ-ċpar ta' quddiem li għandu l-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandu jkun konformi mat-tip approvat u jissodisfa l-ħtiġiet fotometriċi imniżżla fis-sezzjoni 6.

(11.)

(12.)

---

(\*) L-istess definizzjoni bħal dik ta' 'isfar selettiv', imma b'fattur ta' purità differenti: il-limitu lejn l-abjad għandu jkun (- + 0 940 u y (0 440 minflok: y (+ 0 966, bħal ta' l-isfar selettiv).

## L-ANNEX I

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA' KOMPONENT

(Format Massimu: A4 (210 mm X 297 mm))

Isem ta'  
l-Administrazzjoni

**Notifika li tikkonċerna l-għoti, iċ-ċaħda jew l-irtirar ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent jew l-għoti, iċ-ċaħda jew l-irtirar ta' estensjoni ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għal tip ta' fanal taċ-ċpar ta' quddiem**

- Approvazzjoni tat-tip ta' komponent Nru .....
1. Fanal taċ-ċpar ta' quddiem iddisinjat biex jitfa' dawl abjad/isfar (Ħassar fejn ma japplikax) .....
  2. Fanal taċ-ċpar ta' quddiem li juża b'bozza tal-filament tat-tip  $F_1, F_2, F_3, H_1, H_2, H_3$  (\*).....
  3. Vultaġġ nominali (fil-każ ta' fanal bir-raġġ issiġillat) .....volts
  4. Isem kummerċjali jew *trade mark*.....
  5. Isem u indirizz tal-manifattur .....
  6. Jekk japplika, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur .....
  7. Ippreżentat għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent fil-.....
  8. Servizz tekniku li jwettaq it-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent .....
  9. Data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz .....
  10. Numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz .....
  11. Estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip: isfar/abjad (°) .....
  12. Data tal-għoti/ċaħda/irtirar/ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent (°) .....
  13. Data tal-għoti/ċaħda/irtirar/ta' l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent (°) .....
  14. Approvazzjoni tat-tip tal-KEE kta' komponent waħda, mogħtija fuq il-bażi ta' 3.3 ta' l-Anness II, għal mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li fih aktar minn fanal waħda, u b'mod partikolari .....
  15. Data taċ-ċaħda/irtirar (Ħassar fejn ma japplikax.) ta' approvazzjoni ta' tip tal-KEE ta' komponent waħda .....
  16. Post .....
  17. Data .....
  18. Firma .....
  19. Id-disinn mhemuż Nru ..... juri fanal taċ-ċpar ta' quddiem min-naħa ta' quddiem b'dettalji dwar id-disinn ta' l-immudellar tal-lenti, u minn sezzjoni trasversali
  20. Kummenti .....

(\*) Ħassar fejn mhux applikabbli

## L-ANNEX II

**ĦTIĠIET GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA' KOMPONENT U GĦALL-IMMARKAR**

1. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA' KOMPONENT
  - 1.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandha tiġi ppreżentata mill-pussessur ta' l-isem kummerċjali jew *trade mark* jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.
  - 1.2. Għal kull tip ta' fanal taċ-ċpar ta' quddiem l-applikazzjoni għandu jkollha magħha:
    - 1.2.1. speċifikazzjoni teknika qasira. Jekk il-fanal mhux tat-tip tar-raġġ issiġillat, għandu jiġi speċifikat it-tip ta' bozza tal-filament. Dan it-tip għandu jkun wieħed minn dawk li l-karatteristiċi tagħhom huma speċifikati fl-Anness III;
    - 1.2.2. disinni (tliet kopji) b'dettall suffiċjenti li jippermettu l-identifikazzjoni tat-tip ta' fanal, u li juru l-fanal min-naħa ta' quddiem, bi, jekk ikun hemm bżonn, dettalji dwar il-mudell ta' l-immudellar tal-lenti u minn sezzjoni trasversali. Id-disinni għandhom juru l-pożizzjoni maħsuba għan-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u s-simbolu addizzjonali frelazzjoni mar-rettangolu li jkun fih il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent.
    - 1.2.3. żewġ kampjuni tat-tip ta' fanal taċ-ċpar ta' quddiem.
2. IMMARKAR
  - 2.1. Il-kampjuni tat-tip ta' fanal taċ-ċpar ta' quddiem preżentati għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandhom ikollhom l-isem kummerċjali jew it-*trade mark* ta' l-applikant, li għandhom ikunu leġġibbli u ma jitħassrux.
  - 2.2. Kull fanal għandu jinkludi, kemm fuq il-lenti u kemm fuq il-qafas tal-fanal, spazju biżżejjed għall-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent. Din għandha tkun indikata fuq id-disinn li hemm referenza għalih f'1.2.2.
3. APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA' KOMPONENT
  - 3.1. Jekk il-kampjuni kollha preżentati skond is-sezzjoni 1, jissodisfaw il-ħtiġiet tas-sezzjonijiet 5,6 u 7 ta' l-Anness 0, għandha tiġi mogħtija l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u għandu jinħareġ numru ta' approvazzjoni tat-tip ta' komponent.
  - 3.2. Dan in-numru m'għandux jiġi assenjat lil ebda tip ieħor ta' fanal taċ-ċpar ta' quddiem ħlief meta l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent hija estiża għal tip ieħor ta' fanal li huwa differenti biss fil-kulur.
  - 3.3. Meta tiġi mitluba approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għal mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li jkun jinkludi fanal taċ-ċpar ta' quddiem u fanali oħrajn, tista' tinħareġ marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent waħda, basta li l-fanal taċ-ċpar ta' quddiem ikun jissodisfa l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva u kull wieħed mill-fanali l-oħra li jagħmlu parti mill-mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li għalih hemm bżonn approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent, ikun jissodisfa d-Direttiva speċifika li tapplika għalih.
4. MARKI
  - 4.1. Kull fanal taċ-ċpar ta' quddiem li jikkonforma ma' tip approvat skond din id-Direttiva għandu jgħib il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent.
  - 4.2. Din il-marka għandha tikkonsisti f'rettangolu madwar l-ittra żgħira "e", li warajha jiġi n-numru jew l-ittra/i distintiv/a ta' l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip:
    - 1 għall-Ġermanja,
    - 2 għal Franza,
    - 3 għall-Italja,
    - 4 għall-Olanda,
    - 6 għall-Belġju,




11 għar-Renju Unit,  
13 għal-Lussemburgu,  
DK għad-Danimarka,  
IRL għall-Irlanda.

Għandha tinkludi wkoll in-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent li jikkorrispondi man-numru taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent maħruġ għat-tip ta' fanal taċ-ċpar ta' quddiem in kwistjoni.

- 4.3. Il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandha tkun issupplimentata bis-simbolu addizzjonali 'B'.
- 4.4. In-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandu jitqiegħed f'pożizzjoni konvenjenti ħdejn ir-rettangolu madwar l-ittra 'e'.
- 4.5. Il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u s-simbolu addizzjonali għandhom jitwaxxlu mal-lenti tal-fanal jew ma' waħda mil-lentijiet b'tali mod li ma tkunx titħassar u li tkun leġġibbli b'mod ċar anki meta l-fanali taċ-ċpar ta' quddiem jitwaxxlu mal-vettura.
- 4.6. Eżempju ta' marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent huwa muri fl-Appendiċi.
- 4.7. Meta tinħareġ approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent waħda, kif spjegat f'3.3, għal tip ta' mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li jkun jinkludi fanal taċ-ċpar ta' quddiem u fanali oħrajn, tista' t itwaxxhal marka waħda ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent, magħmula minn:
  - rettangolu madwar l-ittra 'e', u warajh in-numru jew l-ittra/i distintivi ta' l-Istat Membru li jkun ħareġ l-approvazzjoni tat-tip:
  - numru ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent,
  - is-simboli addizzjonali mitluba mid-Direttivi varji li taħthom għet mogħtija l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent.
- 4.8. Id-dimensjonijiet tal-komponenti varji ta' din il-marka m'għandhomx ikunu inqas mill-ikbar tad-dimensjonijiet minimi speċifikati għall-immarkar individwali mid-diversi Direttivi li taħthom għet mogħtija l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent.

## Appendiċi

## EŻEMPJU TA' MARKA TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEETA' KOMPLEMENT



Il-imezz li jgħib il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent muri hawn fuq huwa fanal taċ-ċpar ta' quddiem li inagħta l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE mir-Renju Unit (e 11) bin-numru 1471.



## ANNEX IV


## BOZOZ TAL-FILAMENT STANDARD (REFERENZA) TA' FANALI TAĊ-ĊPAR TA' QUDDIEM

Tip	F <sub>1</sub>	F <sub>2</sub>	F <sub>3</sub>	H <sub>1</sub>
Dimensjonijiet (mm)				
D	29 mass.	36 mass.	41 mass.	10 mass.
b	46 mass.	50 mass.	45 mass.	49 mass.
ċ	21.5 ± 0.15	30 ± 0.15	28.5 ± 0.15	25 ± 0.15
d <sub>1</sub>	±0.2	±0.2	±0.2	± 0.2
d <sub>2</sub>				± 0.25
f	6 sa 7.5	4 (°) sa 7	5 ± 1	5.5 ± 0.5
β	90 ± 3°	90 ± 3°		
Vultaġġ tal-verifika	13.2 V	13.5 V	13.2 V	13.2 V
'Wattage' fil-vultaġġ tal-verifika	55.5 W ± 10%	35 W ± 10%	45 W ± 10%	62 W ± 7.5%
Fluss luminuż għall-verifika ta' fanali taċ-ċpar ta' quddiem	800 lm	540 lm	650 lm	1.150 lm

(°) Il-dimensjoni mit-tarf tal-filament sa l-assi ta' referenza għandu jkun 2.5 ± 0.2.

ANNEX V

**MEASURING SCREEN  
at a distance of 25 m**



HV : il-punt fejn jiltaqgħu il-linji hh u vv  
Dimensjonijiet f'cm